32005R0681

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 681/2005

tad-29 ta' April 2005

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1973/2004 rigward il-kundizzjonijiet biex wieħed jirċievi pagamenti tal-medda għall-kittien imkabbar għall-fibri

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 [1], u b'mod partikolari l-punt (iii) tal-ewwel inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 110 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1973/2004 tad-29 ta' Ottubru 2004 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 fir-rigward tal-iskemi ta' appoġġ li hemm provvediment għalihom fit-Titoli IV u IVa ta' dak ir-Regolament u l-użu ta' art irtirata mill-produzzjoni għall-ksib ta' materja prima [2] jipprovdi, fost l-oħrajn, għall-kundizzjonijiet għall-pagamenti tal-medda għall-kittien imkabbar għall-fibri.

(2) Skont l-Artikolu 56(1)(b)(i) tar-Regolament (KE) Nru 1973/2004, l-użu tal-varjetajiet taż-żrieragħ elenkati fl-Anness V għal dak ir-regolament huwa kundizzjoni biex wieħed jirċievi l-pagamenti tal-medda għall-kittien imkabbar għall-fibri. Madankollu, fil-qafas tal-pagamenti akkoppjati stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1782/2003, din il-kunidzzjoni tal-eliġibbiltà mhijiex iġġustifikata, minħabba li, għall-pagamenti akkoppjati, l-ammont għal kull ettaru huwa l-istess għall-kittien u għal prodotti oħra tar-raba' li jinħarat. Fis-sistema diżakkoppjata mhemm l-ebda dispożizzjoni li tirreferi għal-lista ta' varjetajiet tal-kittien. Bil-għan tas-simplifikazzjoni, huwa għaldaqstant f'loku li din il-kundizzjoni tkun irrevokata.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1973/2004 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(4) Ġaladarba r-Regolament (KE) Nru 1973/2004 japplika għall-applikazzjonijiet għall-għajnuna li għandhom x'jaqsmu mas-snin tas-suq li jibdew mill-1 ta' Jannar 2005, dan ir-Regolament għandu japplika minn dik id-data.

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Pagamenti Diretti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1973/2004 għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 56(1)(b), il-punt (i) għandu jitħassar.

(2) L-Anness V għandu jitħassar.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika għall-applikazzjonijiet għall-għajnuna li jirrigwardaw is-snin tas-suq b'bidu mill-1 ta' Jannar 2005.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' April 2005.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 118/2005 (ĠU L 24, 27.1.2005, p. 15).

[2] ĠU L 345, 20.11.2004, p. 1.